MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru 802/2013

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**NICOLINA PORTELLI**

**LARSON GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nicolina Portelli ta’ 46 sena, bint Carmelo u Maria nee’ Cuschieri, mwielda Pieta’ nhar is- 26 ta’ Marzu 1968, residenti Blk 4, Blk C, Flat 1, Triq il-Pellegrinagg, Bormla u detentrici tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 155968M;

U

Larson Grech ta’ 23 sena, bin Jacob Grech u Nicolina Portelli, mwieled fis- 17 ta’ Ottubru 1990 Pieta’, residenti 49, Flat 3, Triq San Pawl, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 503690M;

Talli;

1) Nhar id- 19 ta’ Awwissu 2013 ghal habta ta’ bejn l- 10.00pm u l-11.00pm gewwa Triq Matty Grima, Bormla volontarjament hebbew ghal persuna ta’ Alan Grech permezz ta’ strument li jaqga’ u bil- ponta u kkagunawlu griehi ta’ natura gravi hekk kif iccertifikat minn Dr M. Caruana tal-Isptar Mater Dei;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostazi hebbew minghajr ma darbu ghal persuna ta’ Carmelo Tabone minn Bormla;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew bil- gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, waddbu u/jew qabdu arma ohra kontra Alan Grech u//jew persuni ohra;;

4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied.

U lil Nicolina Portelli wehidha;

5) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saret recidiva ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 30 ta’ Settembru 2013, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli relattivi tal-Ligi li tahthom kellhom ighaddu in gudikat l-imputati;

Rat illi, mal-eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, l-imputati ddikkjaraw illi ma kellhom ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta maghhom sommarjament ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom;

Semghet it-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fid-data u l-hin indikati, qam argument jahraq bejn membri tal-istess familja, fejn Alan Grech sofra griehi gravi tant li setghu hallew konsegwenzi hafna aktar serji milli fil-fatt hallewlu. Dan l-argument qam ghax qabel ma nqala’ l-incident, kien sar diskors minn terzi fuq membri tal-istess familja, u whud minnhom marru ghas-soddisfazzjon. Il-qiegha sahnet gmielha, u l-familja giet fl-idejn. Mill-investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija, gew identifikati z-zewg imputati bhala l-persuni li ferew lil Grech, ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri kontrihom. Huma tressqu b’arrest quddiem din il-Qorti f’Awwissu 2013, u hekk inbdiet il-kumpilazzjoni kontrihom.

Ghalkemm gie allegat li l-griehi li sofra Grech kienu saru bi strument jaqta’ u

bil-ponta, ma saret ebda inkjesta magisterjali f'dan il-kaz, u ghalhekk il-provi kollha li tressqu mill-Prosekuzzjoni kienu dawk migbura mill-Pulizija.

L-Ispettur Said Sareo xehed billi ta rakkont dettaljat tar-rapport li kien dahal dakinhar, u r-risultat tal-investigazzjoni li segwiet. Nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu ta' dik is-sena ghal habta tal-hdax neqsin ghaxra ta' flghaxija (10.50 p.m.) dahlu gewwa l-ghassa ta' Bormla certu Alan Grech flimkien mat-tfajla tieghu Mairwen Tabone. Alan Grech kien qed jidher li hu mghejjun mit-tfajla tieghu u kien jidher li huwa ferut ghax kellu demm fuq il-hwejjeg tieghu. Malli dahlu l-ghassa l-pulizija assistiethom u hadithom il-klinika ta' Rahal Ġdid sabiex Alan Grech jigi mdewwi fejn wara gie referut anke ghall-Isptar Mater Dei minhabba n-natura tal-griehi li kellu.

Meta gew mitkellma Alan Grech u Mairwen Tabone qalu li dawn ftit tal-hin qabel kienu qeghdin gewwa d-dar ta' Carmelo Tabone, number one one four (114), Triq Matti Grima, Bormla. Carmelo Tabone huwa missier Mairwen u Alan Grech huwa l-boyfriend ta' Mairwen. Kienu qeghdin ghand id-dar ta' Carmelo Tabone filli f'daqqa wahda gew Larson Grech, Nicholinia Portelli u Kurt Grech b'karozza gew quddiem id-dar tal-istess Carmelo Tabone. Dawn hargu mill-karozza u bdew jghajtu ghal Carmelo Tabone. Carmelo Tabone hareg flimkien ma' Alan Grech u Mairwen Tabone, inqala' battibekk bejn Larson Grech u Carmelo Tabone. Larson Grech imbotta lil Carmelo Tabone, Alan Grech il-

vittma prova jzomm lil Larson Grech milli jaghtu milli jkomplu jiggieldu, u qabzu fuqu Larson Grech, Nicholina Portelli u Kurt Grech.

L-imputata Nicholina Portelli tigi omm Alan Grech, u Larson Grech u Kurt Grech huma hut Alan Grech. Waqt li qabzu fuqu dawn, dan ircieva diversi daqqiet ta' mus kemm minghand Nicholina Portelli li tigi ommu u kemm minghand Larson Grech li jigi huh; id-daqqiet ta' mus ircevihom f'diversi partijiet ta' gismu fosthom fil-parti privata tieghu. Wara ftit dan l-argument waqaf; Larson Grech, Nicholina Portelli u Kurt Grech telqu 'l hemm, dahlu fil-karozza u telqu lejn id-dar, u Alan Grech u Tabone, hawn Carmelo Tabone u Mairwen Tabone dahlu gewwa.

Gie ordnat l-arrest ta' Nicholina Portelli dak il-hin u ta' Larson Grech fejn il-pulizija marru arrestaw lil dawn iz-zewg persuni. Dawn inghataw id-dritt ghal parir legali qabel gew mitkellma u interrogati, fejn iddecidew li jkellmu lil Dottor Yana Micallef Stafrace tal-legal aid. Mill-ewwel gie mitkellem Larson Grech nhar l-ghoxrin (20) ta' Awwissu ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00p.m.) fejn huwa qal li ftit tal-hin qabel l-incident hu kien qieghed il-bajja tar-Rinella flimkien ma' ommu Nicholina Portelli u gie Kurt Grech fuqhom. Kurt Grech qal lil Larson li Carmelo Tabone kien qieghed jghid xi diskors fuq missierhom Jacob Grech li dak iz-zmien kien qieghed jinzamm gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin. U dan id-diskors kien jghid li kien hemm xi nies li ha jduru lil missieru gewwa l-habs. Larson Grech qal li huwa kien mahruq ghal dan id-diskors li allegatament kien qal Carmelo Tabone, u ddecieda li jmur jaffrontah b'dan id-diskors halli jara x'ghandu xi jghid. Fil-fatt hu flimkien ma' ommu u

huh marru quddiem id-dar ta' Tabone bil-karozza t'ommu; ghajjatlu izda kien hemm Alan Grech qallu li kien rieqed izda wara ftit Carmelo Tabone hareg barra. Larson Grech qal li beda jaffrontah bid-diskors li sema' izda Carmelo Tabone beda jinnega dan id-diskors. Larson Grech ukoll ammetta li huwa mbotta lil Carmelo Tabone u dak il-hin qabez fuqu huh Alan Grech. Xhin qabez fuqu huma spiccaw fl-idejn izda Larson innega li fl-ebda hin ma tah daqqiet ta' mus. Huwa qal li kemm taw bl-idejn.

Meta mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu ma' huh, hu qal li r-relazzjoni tieghu ma' huh hija wahda tajba izda huwa kien ha ghalih ghaliex huh Alan kien qabez ghal barrani u ma kienx qed izomm mal-famlja tieghu. Huwa ammetta wkoll li anke ommu kien involuta fl-argument  u anke ommu kienet refghet idejha fuq Alan Grech izda baqghu jinnegaw l-isess li dawn tawh b'xi mus. Huwa qal li kellhom mus fuqu.

L-Ispettur kellem ukoll lil Nicholina Portelli ftit wara fejn hi wkoll ghazlet li tkellem lil avukat tal-ghajnuna legali Dottor Yana Micallef Stafrace fejn hija l-istess qalet li ghal habta ta' xi l-ghaxra (10.00) kien hemm, waqt li kienu qeghdin il-Bajja tar-Rinella Alan kien cempel lil Larsen fuq il-mobile u bdew jillatikaw fejn Alan beda jghid lil Larsen biex jghid lil huh Kurt halli ma joqghodux jivvintaw fuq Carmelo Tabone. Dawn telghu l-istess quddiem id-dar ta' Carmelo Tabone fejn inqala' argument bejn Larson u Carmelo Tabone. Nicholina qalet li huh Alan qabez fuq Larson u minn hemm inqalghet glieda. Nicholina innegat li hija kienet involuta fl-argument fil-glieda izda kulma ghamlet hi li provat taqla' lil Alan minn fuq Larson, innegat ukoll li kellha xi

mus, kellha xi mus f'idha li hu u anke Larson, qalet li ma kellux mus f'idu. Qalet ukoll li Kurt ma kienx involut fil-glieda. Hi qalet ukoll izda li Larson jista' jkun kellu c-cwievet f'idu meta waqt il-glieda. Meta staqsejtha rigward ir-relazzjoni taghha ma' Alan, ma' binha Alan, hi qalet li hi m'ghandha ebda relazzjoni ma' Alan, ma tkellmux, ghax darba minnhom kien anke refa' jdejh fuqha u anke hadilha xi affarijiet mid-dar.

Huma gew arrestati u gew imressqa l-Qorti taht arrest nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu 2013. L-Ispettur esibixxa diversi dokumenti bhar-rapport tal-pulizija mmarkat bhala dok "RS 1", l-ewwel certifikat mediku li nhareg mit-Tabib Dottor Malcolm Caruana tal-Isptar Mater Dei li kien jghid li Alan Grech kien qed ibati minn griehi ta' natura hafifa, bhala dok "RS 2", kif ukoll case summary ta' Alan Grech wara li gie operat gewwa l-Isptar Mater Dei ghal griehi li sofra, bhala dok "RS 3". Ċertifikat iehor li nhareg mill-istess Dottor Malcolm Caruana nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu fejn qed jghid li Alan Grech kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi, dok "RS 4." L-istqarrija li ttiehdet lil Larson Grech fejn hija stqarrija ta' zewg faccati mmarkata bhala dok "RS 5", u l-istqarrija ta' Nicholina Portelli fejn hija stqarrija ta' zewg faccati immarkata bhala dok "RS 6."

Il-Pulizija kienet ghamlet tfittxija ghal xi mus jew strument iehor li jaqta u bil-ponta, izda ma kienet instabet l-ebda arma ta' dan it-tip. Mistoqsi in kontro-ezami, l-Ispettur ikkonferma li xi tlitt ijiem qabel dan l-incident, kien hemm rapport iehor maghmul lill-Pulizija fejn intqal li Tabone kien qala' xi diskors fuq terzi u kien hemm incident per konsegwenza ta' hekk. Irrisulta wkoll li l-

imputat Larson Grech kien sofra griehi hfief f'dan l-incident, u kellhom jittiehdu proceduri kontra l-vittma Alan Grech fis-seduta tad-distrett. Gie rapportat lilu wkoll li Tabone kien hareg ghal Nicholina Portelli u ghal Larson u Kurt Grech b'sikkina f'idu, skond ma qalu l-istess Portelli u l-ahwa Grech. L-anqas din is-sikkina ma nstabet jew giet elevata. Mic-certifikati medici esebiti fl-atti, irrisulta li Alan Grech kien sofra griehi gravi fil-parti privata tieghu, liema griehi kienu "incised wounds" maghmula minn strument jaqta'. Kellu wkoll griehi ohra bhal dawk f'genbu tal-lemin, f'koxxtu tax-xellug, u fil-warrani fuq ix-xellug. Kellu wkoll lacerazzjonijiet u abrazjonijiet f'partijiet ohra ta' gismu. Ic-certifikati jinstabu esebiti a folio 55 u 59 tal-process.

Xehdu wkoll Alan Grech u Mairwen Tabone Spalding, kif ukoll Carmelo Tabone, li kkonfermaw kif inqala' l-argument mal-imputati u kif gara l-incident u kif gew ikkawzati l-griehi fuq Alan. Huma kkorroboraw il-verzjonijiet ta' xulxin u spjegaw kif l-imputati kellhom mus kull wiehed u xejru daqqiet fid-direzzjoni taghhom, u laqtu lil Alan.

Xehed PS 337 Mark Mercieca li kien presenti fl-ghassa meta gew jirrapportaw Alan u Mairwen, u kkonferma li fuq Grech seta jara griehi bhal qata' bid-demm hiereg minnhom. Xehed it-tabib Edward Zammit li kien ra lil Grech fil-klinika ta' Rahal Gdid, u kkonferma li Grech kellu griehi maghmula minn xi haga taqta' u b'xafra. Hu rreferieh ghall-Isptar. L-istess xehed il-Professur Patrick Zammit, li kkonferma l-griehi li kellu Grech u li setghu hallew mankament gravi u permanenti fil-vittma, li pero' kien fiq kompletament minn dawn l-istess griehi. Il-Preofessur esebixxa dokument a folio 148 li jispjega fid-dettall l-aktar ferita

gravi li sofra Alan Grech fil-parti privata tieghu, kif din giet ikkurata b'intervent kirurgiku, u kemm damet sakemm fieqet kompletament. Minn dan id-dokument u minn dokumenti ohra, din il-ferita hija bla ebda dubju ta' xejn wahda gravi.

B'hekk, il-Prosekuzzjoni ddikkjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'din il-kawza.

In difesa, xehed l-imputat Larson Grech, li spjega kif inqala' l-argument bejnu u Carmelo Tabone, u kif mar ifittex lil Tabone biex ikellmu u jiccara d-diskors li kien sar qabel fejn issemma missier Grech. L-imputat qal li l-ewwel nizel Tabone u qabdu jitkellmu barra d-dar, u wara nizel Alan u bhal donnu l-argument aktar sahan. Tabone beda jghajjat mal-imputat u ghalhekk l-imputat imbotta lil Tabone 'l hemm. L-imputat qal li dak il-hin ghamel ghalih Alan u gew fl-idejn u tkaxkru mal-art, u nnega li qatt uza mus jew sikkina fuq huh. Fl-ebda hin ma ra dmija jew demm fuq Alan. Fil-waqt li l-imputat  u Alan kienu qed jissaraw, l-imputata Portelli ppruvat tferraqhom. Hi ma kellha xejn f'idejha. Hu qal li ra lil Tabone jidhol id-dar u johrog b'xi haga f'idu jxejjirha fid-direzzjoni taghhom, izda ma rax x'kien dan l-oggett. Wara telqu 'l hemm. Xehdet ukoll l-imputata Nicolina Portelli li kkorroborat il-verzjoni li ta Larson Grech. Hi kkonfermat li la hi u l-anqas Larson ma kellhom mus jew sikkina f'idejhom. Hi ma rat l-ebda dmija jew demm fuq binha Alan.

Minn esami ta' dawn il-provi rrisulta li f'dak il-lejl, l-imputati u Kurt Grech nizlu fejn ir-residenza ta' Tabone u hemmhekk inqala' argument bejnhom u bejn

Tabone u Alan Grech. Waqt dan l-argument, Alan Grech sofra griehi gravi bi strument jaqta'. Dawn il-griehi huma gravi mhux biss ghax hekk gew deskritti mit-tobba. Jekk ferita hix wahda gravi jew hafifa hija kwistjoni purament ta' ligi li l-Qorti trid tasal ghaliha hi, a bazi tan-natura tal-ferita, jew a bazi ta' kemm damet il-ferita biex tfiq, u fatturi ohra bhal dawn. Ma hemm ebda dubju li l-ferita li sofra Alan Grech fil-parti privata tieghu kienet l-aktar wahda gravi, peress illi setghet gabet periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 216(1)(a)(ii) u (iii) tal-Kap 9. Inoltre, il-fatt huwa aktar gravi peress illi l-ferita saret bi strument jaqta' u bil-ponta. Ghalkemm ma gie elevat u esebit ebda mus f'din il-kawza, il-Qorti hija konvinta li l-feriti li sofra Alan Grech kienu fil-fatt maghmula b'mus. Dan qed jinghad ghal dawn ir-ragunijiet segwenti. It-tobba li esaminaw lil Grech spjegaw li l-feriti kollha, inkluzi dawk fuq il-parti privata tieghu, kienu "incised wounds" maghmula bi strument jaqta'. Id-differenza bejn ferita li hi lacerazzjoni jew abrazjoni, u dik li hi incizjoni, hi precizament li l-qata' fil-gilda tkun qata' pulita filkaz ta' incizjoni maghmula minn strument jaqta', bhal xafra jew mus, ezatt bhal ma sofra Grech. Kieku l-feriti kienu lacerazzjonijiet jew abrazjonijiet, dawn kien ikollhom qata' irregolari fil-gilda flimkien ma' grif superficjali u telf ta' gilda. Grech kellu ftit feriti superficjali hekk, izda kellu diversi incizjonijiet f'diversi partijiet ta' gismu. Inoltre, is-surgent li ha r-rapport fl-ghassa kkonferma wkoll li kien ra feriti fuq Grech li kienu bhal qata' fil-gilda u mhux semplici "blunt trauma" jew grif superficjali. Dawn il-griehi gew esaminati mit-tabib tal-policlinic u mit-tobba tal-isptar. Ma hemm ebda dubju li dawn il-feriti gew sofferti minn Alan Grech.

Jibqa' biss il-mistoqsija ta' min seta' ghamel dawn l-offizi fuq Grech. Huwa fatt mhux kontestat li kien hemm argument u glieda bejn Grech u l-imputati, u li dawn b'xi mod gew fl-idejn. Ma jissemma hadd aktar li seta' ha sehem f'din il-glieda. Hadd mix-xhieda ma jirreferi ghal Kurt Grech, wiehed mill-ahwa presenti, bhala wiehed li ha sehem attiv fl-istess glieda. Ghalhekk, l-unici indizzjati f'dan l-icident kollu huma l-imputati. Huwa minnu li huma nnegaw li qatt kellhom mus f'idejhom, u huwa minnu wkoll li ma nstab ebda mus, la fil-pussess taghhom u l-anqas fil-fond fejn kienu jirresjedu wara li saret tfittxija mill-Pulizija. Jibqa l-fatt innegabbli, izda, li xi hadd ghamel dawk il-feriti fuq Alan Grech, u l-Qorti tara li l-unici persuni li kienu vicin bizzejjed ta' Grech biex jaghmlulu hekk kienu precizament ommu u huh, iz-zewg imputati.

Ghalhekk, mill-assjem tal-provi kollha, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputati huma hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghhom. Kwantu ghall-piena, il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, u tara li hemm indikat l-Artikolu 218 tal-Kap 9, fost l-Artikoli l-ohra kollha. Mill-provi prodotti, il-Qorti ma tarax li l-feriti mgarrba minn Alan Grech jaqghu taht din il-klassifika ta' feriti, izda huma aktar kompatibbli ma' dawk minuri taht l-Artikolu 216 tal-istess Kap 9. Ghalkemm dan l-Artikolu ma giex hekk indikat fin-nota, xorta l-Qorti tista' u ghandha tiehu konjizzjoni tieghu peress li huwa reat minuri li huwa kompriz u involut fir-reat magguri. Aktar minn hekk, l-istess piena hija mizjuda permezz tal-Artikolu 217 tal-istess Kap 9, fejn ferita gravi hija kkwalifikata li saret b'arma regolari jew bi strument jaqta' jew iniggez, u b'hekk il-piena massima toghla minn tlitt snin prigunerija ghal erba' snin prigunerija. Il-Qorti hija ferm ittentata

taghti l-massimu tal-piena f'dan il-kaz, meta zzomm f'mohhha li dan l-incident gie mfittex mill-imputati u twettaq fuq membru tal-familja taghhom stess.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 215, 217, 218, 222(1)(a), 339(1)(b) u (d), 338(m) u (dd), 383, 384, 385, 412C, 17, 31, 532A, 533, 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u tikkundannahom ghal piena ta' sentejn prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------